A.L. 122 ta' l-2003

ATT DWAR L-AWTORITA' GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTA FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għall-*carcinogens* jew *mutagens* fuq il-post tax-xogħol

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija b'artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, flimkien ma' l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u applikabbilita

1. (1) It-titolu ta' dawn r-regolamenti hu Regolamenti ta' 2003 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għall-*carcinogens* jew *mutagens* fuq il-post tax-xogħol, 2003.

(2) L-għan ta' dawn r-regolamenti huwa li jipproteġu l-ħaddiema kontra r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà inkluża l-prevenzjoni ta' dawk ir-riskji li jinqalgħu jew huma mistennija li jinqalgħu mill-espożizzjoni għall-*carcinogens* jew *mutagens* fuq il-post tax-xogħol, u jipprovdu rekwiżiti minimi f'dan il-qasam, inklużi valuri ta' limitu.

(3) Dawn r-regolamenti għandhom japplikaw għall-attivitajiet li fihom l-ħaddiema huma jew jistgħu ikunu esposti għal *carcinogens* jew *mutagens* bħala riżultat tax-xogħol tagħhom.

(4) Rigward l-asbestos, meta xi disposizzjonijiet f'dawn r-regolamenti huma aktar favorevoli għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol minn xi disposizzjoni oħra li tinsab f'regolamenti dwar l-asbestos, dawn r-regolamenti għandhom japplikaw.

(5) Dawn r-regolamenti ma japplikawx għall-ħaddiema esposti biss għal radjazzjoni sakemm dawn ikunu regolati taħt xi regolament ieħor jew disposizzjoni oħra tal-liġi.

Tifsir

2. F'dawn r-regolamenti, sakemm r-rabta tal-kliem ma' tkunx teħtieġ xort'oħra:

'Att' tfisser l-Att dwar l-Awtorita' ghas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol; Kap. 424

"Awtorita' tfisser l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol mwaqqfa bl-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali;

"*carcinogen*' tfisser:

(i) sustanza li tilħaq l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħal *carcinogen* tal-kategorija 1 jew 2 li jidhru fl-Anness VI tad-Direttiva 67/548/EEC;

(ii) preparazzjoni komposta minn sustanza waħda jew aktar imsemmija f'punt (i) fejn l-konċentrazzjoni ta' sustanza individwali waħda jew aktar tilħaq ir-rekwiżiti għall-limiti ta' konċentrazzjoni għall-klassifikazzjoni ta' preparazzjoni bħala *carcinogen* tal-1 jew 2 kategorija li tidher jew:

- fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/EEC, jew
- fl-Anness I tad-Direttiva 88/379/EEC fejn s-sustanza jew sustanzi ma' jidhrux fl-anness I għad-direttiva 67/548/EEC jew jidhru fiha mingħajr limiti ta' konċentrazzjoni;

(iii) sustanza, preparazzjoni jew proċess msemmi fl-Anness I kif ukoll sustanza jew preparazzjoni li toħro' minn proċess imsemmi fl-anness I;

"*mutagen*' tfisser:

(i) sustanza li tilħaq l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala mutagen tal-kategorija 1 jew 2 li jidhru fl-Anness VI tad-Direttiva 67/548/EEC;

(ii) preparazzjoni komposta minn sustanza waħda jew aktar msemmija f'punt (i) fejn l-konċentrazzjoni ta' sustanza individwali waħda jew aktar tilħaq ir-rekwiżiti għall-limiti ta' konċentrazzjoni għall-klassifikazzjoni ta' preparazzjoni bħala mutagen ta' l-1 jew 2 kategorija li tidher jew:

- fl-Anness I tad-Direttiva 67/548/EEC, jew
- fl-Anness I tad-Direttiva 88/379/EEC fejn s-sustanza jew sustanzi ma' jidhrux fl-anness I għad-direttiva 67/548/EEC jew jidhru fiha mingħajr limiti ta' konċentrazzjoni;

'tabib' tfisser tabib li specjalizża fil-medi`ina interna jew onkoloġika, imqabbad minn min iħaddem, biex jeżamina ħaddiema esposti għal *carcinogens* jew *mutagens*;

"valur ta' limitu' tfisser, sakemm ma' jingħadx xort'oħra, l-limitu tal-medja mkejjla bil-ħin tal-kon`entrazzjoni għal *carcinogen* jew *mutagen* fl-arja fiż-żona respiratorja ta' ħaddiem rigward perjodu spe`ifiku kif muri fl-Iskeda III.

Determinazzjoni tar-riskju.

3. (1) F'każ ta' xi attivita' li tidher li tinvolvi riskju ta' espożizzjoni għal *carcinogens* jew *mutagens*, in-natura, grad u dewmien ta' l-espożizzjoni tal-ħaddiema għandha tkun determinata sabiex ikun aktar possibbli li jiġi eżaminat xi riskju tas-saħħa u s- sigurtà tal-ħaddiema u sabiex jiġu determianti l-miżuri li għandhom jittieħdu.

L-eżami għandu jkun rinnovat regolarment u f'kull każ meta isir xi tibdil fil-kundizzjonijiet li jaffettwaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għal *carcinogens* jew *mutagens*.

Min iħaddem għandu jagħti lill-Awtorita, meta din hekk titlob, l-informazzjoni użata sabiex isir l-eżami.

(2) Meta jkun qed jiġi eżaminat ir-riskju, għandu jittieħed akkont tar-rotot ta' espożizzjoni l-oħra kollha, bħal assorbiment permezz u, jew mill-ġilda.

(3) Meta l-eżami msemmi fil-paragrafu (b) isseħħ, min iħaddem għandu jagħti attenzjoni partikolari lil kull effett rigward s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li qegħdin f'riskju partikolari u għandu, fost l-oħrajn, jieħu akkont tal-ħtieġa li dawn l-ħaddiema ma' jiġux impjegati f'żoni fejn jistgħu jiġu f'kuntatt ma' *carcinogens* jew *mutagens*.

Tnaqqis u tibdil.

4. (1) Min iħaddem għandu jnaqqas l-użu ta' xi *carcinogen* jew *mutagen* fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari billi jbiddlu, sakemm huwa teknikament possibbli, b'sustanza, preparat jew proċess li, taħt l-kundizzjonijiet ta' l-użu, ma tkunx perikoluża jew tkun anqas perikoluża għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, skond il-każ.

(2) Min Iħaddem għandu, meta jiġi mitlub, jissottometti s-sejbiet ta' l-investigazzjonijiet tiegħu lill-Awtorita.

Prevenzjoni u tnaqqis ta' espożizzjoni.

5. (1) Fejn r-riżultati tal-eżami msemmi fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għandu jkun hemm prevenzjoni ta' l-espożizzjoni li l-ħaddiema jistgħu jkunu esposti għaliha.

(2) Fejn mhux teknikament possibbli li l- jew *mutagen* jiġi mibdul b'sustanza, preparat jew proċess li, taħt l-kundizzjonijiet ta' l-użu, mhix perikoluża jew hija inqas perikoluża għas-saħħa u s-sigurtà, min iħaddem għandu jiżgura illi l-*carcinogen* jew il-*mutagen* huwa, sa fejn huwa teknikament possibbli, manifatturat u użat f'sistema magħluqa.

(3) Fejn sistema magħluqa mhix teknikament possibbli, min iħaddem għandu jiżgura li l-livell li l-ħaddiema huma esposti għalih huwa mnaqqas għall-inqas livell li huwa teknikament possibbli.

(4) L-espożizzjoni m'għandhiex teċċedi l-valur ta' limitu kif muri fl-iskeda III.

(5) Kull meta jkun użat *carcinogen* jew *mutagen*, min iħaddem għandu japplika l-miżuri li ġejjin:

(a) limitazzjoni tal-kwantitajiet tal-*carcinogen* jew *mutagen* fuq il-post tax-xogħol; (b) jinżamm kemm jista' jkun baxx l-għadd ta' ħaddiema esposti jew li jistgħu ikunu esposti;

(c) disinn ta' proċess ta' xogħol u ħolqien ta' miżuri ta' kontroll sabiex ikun evitat jew imnaqqas l-ħruġ ta' *carcinogens* jew *mutagens* fil-post tax-xogħol;

(d) evakwazzjoni ta' *carcinogens* jew *mutagens* fis-sors, sistema ta' estrazzjoni lokali jew ventilazzjoni ġenerali; dawn l-metodi kollha għandhom ikunu xierqa u kompatibbli mal-bżonn li jkunu s-saħħa pubblika u l-ambjent;

(e) l-użu ta' proċeduri eżistenti xierqa għall-kejl ta' *carcinogens* jew *mutagens*, b'mod partikolari għas-sejba minn kmieni ta' espożizzjoni mhux normali li tirriżulta minn avveniment mhux mistenni jew inċident;

(f) applikazzjoni ta' proċeduri tax-xogħol u metodi xierqa;

(g) miżuri protettivi kollettivi u, jew fejn l-espożizzjoni ma' tistax tkun evitata b'mezzi oħra, miżuri protettivi individwali;

(h) miżuri ta' iġene, b'mod partikolari, tindif regolari ta' l-artijiet, ħitan u uċuħ oħra;

(i) informazzjoni għall-ħaddiema;

(j) demarkazzjoni taż-żoni ta' riskju u avviżi xierqa u sinjali ta' sigurtà inklużi sinjali li mhux permess it-tipjip f'żoni fejn

ħaddiema huma esposti jew huma mistennija li jkunu esposti għal *carcinogens* jew *mutagens*;

(k) li jsiru pjanijiet għal kif għandu jkun l-aġir f'emergenzi li x'aktarx jirriżultaw f' espożizzjoni għolja b'mod li mhux normali;

(l) mezzi għall-irfiegħ, immaniġġjar u trasport, b'mod sigur, b'mod partikolari billi jintużaw kontenituri issiġillati u ittikettjati b'mod ċar u viżibbli;

(m) mezzi għall-ġbir, irfiegħ u rimi ta' skart b'mod sigur minn ħaddiema, inkluż l-użu ta' kontenituri issiġillati u ittikettjati b'mod ċar u viżibbli.

Informazzjoni għall-Awtorità.

6. Fejn r-riżultati ta' l-eżami msemmi fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, min iħaddem għandu, meta jkun hekk mitlub, jagħmel disponibbli lill-Awtorita' informazzjoni xierqa fuq:

(a) l-attivitajiet u, jew proċessi industrijali segwiti inklużi ir-raġunijiet li għalihom il-*carcinogens* jew *mutagens* huma użati;

(b) il-kwantitajiet ta' sustanzi jew preparazzjonijiet fabbrikati jew użati li jkun fihom l-*carcinogens* jew *mutagens*;

(c) l-għadd ta' ħaddiema esposti;

(d) il-miżuri preventivi meħuda;

(e) it-tip ta' apparat protettiv użat;

(f) in-natura u l-grad ta' espożizzjoni;

(g) il-każijiet ta' tibdil.

Espożizzjoni bla ħsieb.

7. (1) Meta jkun hemm każ mhux maħsub jew inċident li x'aktarx jirriżulta f'espożizzjoni mhux normali ta' ħaddiema, min iħaddem għandu jinforma lill-ħaddiema b'dan.

(2) Sakemm is-sitwazzjoni ma' terġax lura għan-normal u sakemm il-kawżi tal-espożizzjoni mhux normali jkunu eliminati:

(a) dawk il-ħaddiema essenzjali sabiex isiru tiswijiet u xogħlijiet neċessarji għandhom jitħallew jaħdmu fiż-żona effettwata;

(b) l-ħaddiema milquta għandhom ikunu provduti b'ilbies protettiv u apparat respiratorju protettiv individwali li huma għandhom jilbsu; l-espożizzjoni ma' tistax tkun permanenti u għandha tinżamm għall-inqas żmien neċessarju għal kull ħaddiem;

(c) ħaddiema mhux protetti m'għandhomx ikunu permessi jaħdmu fiż-żona affettwata.

Espożizzjoni prevedibbli.

8. (1) Għal ċertu attivitajiet bħall-manutenzjoni, li għar-rigward tagħhom hu previst li jkun hemm ċans ta' żieda sinifikanti fl-espożizzjoni tal-ħaddiema u li għar-rigward tagħhom kull skop ta' miżuri tekniċi preventivi ulterjuri sabiex tkun limitata l-espożizzjoni tal-ħaddiema ikun diġa ittieħed, min iħaddem, għandu jiddetermina, wara konsultazzjoni mal-ħaddiema u, jew mar-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew l-istabbiliment, mingħajr preġudizzju għar-responsabbilta ta' min iħaddem, l-miżuri neċessarji sabiex jitnaqqas d-dewmien ta' ħin li fih l-ħaddiema jkunu esposti għall-minimu possibbli u sabiex tkun żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema waqt li huma jkunu qed jagħmlu dawn l-attivitajiet.

(2) Skond l-ewwel sub-artikolu (1), l-ħaddiema milquta għandhom ikunu provduti b'ilbies protettiv u apparat protettiv respiratorju individwali li huma għandhom jilbsu sakemm tkompli l-espożizzjoni mhux normali; dik l-espożizzjoni ma tistax tkun permanenti u għandha strettament tinżamm għall-inqas żmien neċessarju għal kull ħaddiem.

(3) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex ikun żgurat illi ż-żoni li fihom iseħħu l-attivitajiet imsemmija fis-subartikolu (1) ikollhom il-limiti ta' fejn ikun ser isir ix-xogħol immarkati b'mod ċar u indikati jew li persuni mhux awtorizzati jiġu mwaqqfa b'mezzi oħra milli jkollhom a"ess għal dawk Iż-żoni.

Aċċess għal żoni ta' riskju.

9. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa minn min iħaddem sabiex ikun żgurat illi aċċess għaż-żoni li fihom jistgħu iseħħu l-attivitajiet li għar-rigward tagħhom r-riżultati ta' l-eżami msemmija fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa jew is-sigurtà tal-ħaddiema, ikunu a"essibbli biss għall-ħaddiema li minħabba xogħlhom jew dmirijiethom ikunu meħtieġa li jidħlu fihom.

Iġene personali u protezzjoni individwali

10. (1) Min iħaddem huwa obbligat, fil-każ tal-attivitajiet kollha li għalihom hemm riskju ta' kontaminazzjoni minn *carcinogens* jew *mutagens*, lijieħu miżuri xierqa sabiex ikun żgurat li:

(a) l-ħaddiema ma' jieklux, ma jixorbux u ma jpejjpux fiż-żoni tax-xogħol fejn hemm riskju ta' kontaminazzjoni minn *carcinogens* jew *mutagens*;

(b) l-ħaddiema ikunu provduti b'ilbies protettiv xieraq jew ilbies speċjali ieħor kif ikun adatt;

(c) il-postijiet ta' rfiegħ speċjali ikunu provduti għall-ilbies tax-xogħol jew dak protettiv u għall-ilbies tat-triq;

(d) il-ħaddiema jkunu provduti b'faċilitajiet adatti u adegwati għall-ħasil u għall-ħtiġiet sanitarji tagħhom;

(e) l-apparat protettiv ikun merfugħ sewwa f'post definit sewwa; ikun eżaminat u mnaddaf jekk ikun possibbli qabel u f'kull każ wara kull użu; apparat difettiv ikun msewwi jew mibdul qabel ma' jintuża aktar.

(2) Il-ħaddiema ma' jistgħux ibatu l-ispejjeż għall-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri.

Informazzjoni u taħriġ ta' ħaddiema.

11. (1) Min iħaddem għandu jieħu miżuri xierqa sabiex ikun żgurat illi ħaddiema u, jew rappreżentanti tal-ħaddiema fl-impriża jew l-istabbiliment jirċievu taħriġ biżżejjed u xieraq fuq bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli b'mod partikolari fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet rigward:

(a) riskju potenzjali għas-saħħa, inkluż r-riskji addizzjonali minħabba t-tipjip;

(b) prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu sabiex tkun evitata l-espożizzjoni;

(c) rekwiżiti ta' iġjene;

(d) lbies u użu ta' apparat u lbies protettiv;

(e) miżuri li għandhom jittieħdu minn ħaddiema inklużi ħaddiema ta' salvataġġ fil-każ ta' inċidenti, sabiex ikunu mwaqqfa l-inċidenti.

It-taħriġ għandu jkun:

- addattat sabiex jieħu akkont ta' riskji ġodda jew mibdula, u
- mtenni perjodikament jekk ikun hemm bżonn.

(2) Min iħaddem għandu jinforma lill-ħaddiema bl-istallazzjonijiet u kontenituri relatati li jkun fihom *carcinogens* jew *mutagens*, jiżgura li l-kontenituri, pakketti u istallazzjonijiet kollha li jkun fihom *carcinogens* u *mutagens* huma ittikettjati b'mod ċar u leġibbli u juru avviz u sinjali ta' periklu li jkunu faċilment viżibbli.

Informazzjoni għall-ħaddiema.

12. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex ikun żgurat li:

(a) ħaddiema u, jew rappreżentanti tal-ħaddiema fl-impriża jew fl-istabbiliment jistgħu jivverifikaw illi dawn r-regolamenti jiġu applikati jew jistgħu ikunu involuti fl-applikazzjoni tagħhom, b'mod partikolari rigward:

(i) il-konsegwenzi għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tas-selezzjoni, lbies u użu ta' lbies u apparat protettiv, mingħajr preġudizzju għar-responsabbilita ta' min iħaddem sabiex jiddetermina l-effettivita' ta' l-ilbies u l-apparat protettiv;

(ii) l-miżuri determinati minn min iħaddem li huma msemmija fl-ewwel sub-paragrafu tar-regolament 8(1), mingħajr preġudizzju għar-responsabbilita ta' min iħaddem sabiex jiddetermina dawk il-miżuri;

(b) ħaddiema u, jew rappreżentanti tal-ħaddiema fl-impriża jew fl-istabbiliment ikunu nfurmati kemm jista' jkun malajr dwar espożizzjoni mhix normali, inkluż dawk msemmija fir-regolament 8, tal-kawżi ta' l-istess u tal-miżuri meħuda jew li għandhom jittieħdu sabiex tkun rimedjata s-sitwazzjoni;

(c) Min iħaddem iżomm lista riveduta tal-ħaddiema li dwarhom ir-riżultati tal-eżami msemmi fir-regolament 3 juru riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, li turi, jekk l-informazzjoni tkun disponibbli, l-espożizzjoni li għaliha jkunu ġew soġġetti għaliha;

(d) t-tabib u, jew l-Awtorita' kif ukoll il-persuni l-oħra kollha li huma responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-post tax-xogħol ta' min iħaddem, għandhom aċċess għall-lista msemmija fis-subparagrafu (c);

(e) kull ħaddiem għandu aċċess għall-informazzjoni fuq il-lista li tirrigwarda lilu personalment;

(f) ħaddiema u, jew rappreżentanti tal-ħaddiema fl-impriża jew l-istabbiliment għandhom aċċess għal informazzjoni kollettiva li tkun anonima.

Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiemaA.L 36 ta' l-2003.

13. (1) Min iħaddem għandu jikkonsulta lill-ħaddiema u, jew lir-rappreżentanti tagħhom u jħalluhom jieħdu sehem f'diskussjonijiet fuq d-domandi kollha rigward saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dan jippresupponi :

- il-konsultazzjoni tal-ħaddiema,

- id-dritt tal-ħaddiema u, jew tar-rappreżentanti tagħhom li jagħmlu proposti,

- il-parteċipazzjoni bilanċata skond ir-Regolamenti tal-2003 dwar Disposizzjonijiet Ħenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

(2) Ħaddiema jew rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbilita speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandhom jieħdu sehem b'mod bilanċat, skond il-liġijiet u, jew prattiċi li japplikaw, u għandhom ikunu konsultati minn qabel u fi żmien f'waqtu minn min Ihaddem rigward:

(a) kull miżura li tista sostanzjalment taffettwa s-saħħa u s-sigurtà;

(b) in-nomina ta' ħaddiem jew ħaddiema li min iħaddem huwa obbligat li jinnomina sabiex jagħmlu attivitajiet relatati mal-protezzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol għall-impriża u, jew l-istabbiliment u l-ħaddiema li min iħaddem huwa obbligat li jinnomina sabiex jimplimentaw il-miżuri fost l-oħrajn, għall-ewwel għajnuna, tifi tan-nar u l-evakwazzjoni tal-ħaddiema, u l-attivitajiet relatati mal-protezzjoni u l-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol;

(c) l-informazzjoni li ġejja:

(i) eżami tar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, inklużi dawk li jkunu qed jiffaċċaw gruppi ta' ħaddiema esposti għal riskji partikolari;

(ii) l-miżuri protettivi li għandhom jittieħdu u, jekk ikun hemm bżonn, l-apparat protettiv li għandu jintuża;

(iii) lista ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol li jwasslu sabiex ħaddiem ma' jkunx tajjeb biex imur għax-xogħol għal aktar minn tlett ijiem tax-xogħol;

(iv) rapporti dwar inċidenti fuq il-post tax-xogħol sofferti mill-ħaddiema tiegħu;

(v) ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà u l-miżuri protettivi u preventivi u attivitajiet rigward kemm l-impriża u, jew l-istabbiliment in ġenerali u kif ukoll kull tip ta' stazzjon tax-xogħol u, jew biċċa xogħol;

(vi) il-miżuri meħuda rigward l-ewwel għajnuna, tifi tannar u evakwazzjoni tal-ħaddiema;

(vii) il-miżuri xierqa meħuda sabiex min iħaddem ħaddiema minn xi impriża u, jew stabbiliment barrani sabiex jagħmlu xogħol fl-impriża u, jew l-istabbiliment tiegħu jirċievu informazzjoni xierqa dwar l-punti msemmija fis-sub-paragrafi (v) u (vi);

(viii) il-miżuri xierqa meħuda biex ħaddiema b'funzjonijiet speċifiċi sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, jew rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbilta' speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema jista' jkollhom a"ess għalihom,, sabiex jaqdu dmirijiethom u sabiex:

- l-eżami tar-riskju u l-miżuri protettivi msemmija fis-sub-paragrafi (v) u (vi) hawn qabel;
- il-lista u r-rapporti msemmija fis-sub-paragrafi (iii) u (iv) hawn qabel;
- l-informazzjoni mogħtijha permezz ta' miżuri protettivi u preventivi, aġenziji ta' ispezzjoni u entijiet responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà.

(d) l-ingaġġ, fejn xieraq, tas-servizzi jew persuni kompetenti barra mill-impriża u, jew l-istabbiliment, fejn dawn l-miżuri protettivi u preventivi ma' jistgħux ikunu organizzati minħabba nuqqas ta' persunal kompetenti fl-impriża u, jew fl-istabbiliment;

(e) l-ippjanar u l-organiżżazzjoni tat-taħriġ għal kull ħaddiem rigward taħriġ tas-saħħa u s-sigurtà xieraq, b'mod partikolari fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet speċifiċi għal-istazzjon tax-xogħol jew għall-ħidma tiegħu:

- fl-ingaġġ,
- fil-każ ta' trasferiment jew tibdil tax-xogħol,
- fil-każ ta' introduzzjoni ta' apparat tax-xogħol ġdid jew tibdil fl-apparat,
- fil-każ ta' introduzzjoni ta' xi teknoloġija ġdida.

(3) Rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbilta speċifika għas-sahha u s-sigurtà tal-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jistaqsu lil min iħaddem sabiex jieħu miżuri xierqa u jissottometti proposti lilhom għal dak il-għan biex jitnaqqas il-periklu għall-ħaddiema u, jew jitneħħa s-sors tal-periklu.

(4) Il-ħaddiema msemmija fil-paragrafu (2) u r-rappreżentanti tal-ħaddiema msemmija fil-paragrafi (2) u (3) ma' jistgħux jitqiegħdu f' żvantaġġ minħabba l-attivitajiet rispettivi tagħhom imsemmija fil-paragrafi (2) u (3).

(5) Min iħaddem għandu jagħti lir-rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbilta speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema biżżejjed żmien lil hinn mix-xogħol, mingħajr telf ta' paga, u jipprovdihom bil-mezzi neċessarji sabiex dawn ir-rappreżentanti jkunu jistgħu jeżerċitaw d-drittijiet u l-funzjonijiet tagħhom.

(6) Ħaddiema u, jew rappreżentanti tagħhom ikunu intitolati jappellaw lill-Awtorita' jekk jidhrilhom illi l-miżuri meħuda u l-mezzi użati minn min iħaddem mhumiex xierqa sabiex tkun żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom jingħataw l-opportunita' li jissottomettu l-osservanzi tagħhom matul żjajjar ta' ispezzjoni mill-Awtorita.

Sorveljanza tas-saħħa.

14. (1) Min iħaddem għandu jagħmel arranġamenti sabiex ikun hemm sorveljanza relevanti tas-saħħa tal-ħaddiema li għalihom ir-riżultati ta' l-eżami msemmi fir-regolament 3 juri riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà.

(2) (a) L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu (1) għandhom ikunu tali li kull ħaddiem għandu jkun jista' jekk xieraq, jissottometti ruħu għas-sorveljanza tas-saħħa:

(i) qabel ma jkun espost;

(ii) f'intervall regolari minn hemm 'il quddiem.

(b) Dawk l-arranġamenti għandhom ikunu tali li jkun direttament possibbli li jiġu implimentati miżuri ta' iġjene individwali u fuq il-post tax-xogħol.

(3) Jekk ħaddiem jinstab li jkun qed isofri minn abnormalita' li tkun suspettata li tirriżulta mill-espożizzjoni għall-*carcinogens* jew *mutagens*, t-tabib jew l-Awtorita' jistgħu jesiġu li ħaddiema oħra li ġew esposti b'mod simili jkunu sottomessi għal sorveljanza tas-saħħa. F'dak il-każ, għandu jsir eżami mill-ġdid tar-riskju tal-espożizzjoni skond r-regolament 3.

(4) F'każijiet fejn issir sorveljanza tas-saħħa, għandu jinżamm dokument mediku individwali u t-tabib jew l-Awtorita għandhom jippproponu x' miżuri protettivi jew preventivi li għandhom jittieħdu rigward kull ħaddiem individwali.

(5) Għandhom jingħataw lill-ħaddiema informazzjoni u pariri dwar is-sorveljanza tas-saħħa li huma jistgħu jissottomettu rwieħhom għaliha wara tmiem l-espożizzjoni.

(6) Il-ħaddiema għandu jkollhom aċċess għal dawk ir-riżultati tas-sorveljanza tas-saħħa li jikkonċernaw lilhom, u l-ħaddiema involuti jew min iħaddem jista' jitlob reviżjoni tas-sorveljanza tas-saħħa.

(7) Rakkomandazzjonijiet prattiċi għas-sorveljanza tas-saħħa huma mogħtijha fl-Iskeda II.

(8) L-każijiet kollha ta' kanċer identifikati skond l-liġijiet u, jew prattiċi applikabbli li jirriżultaw mill-espożizzjoni fuq ix-xogħol għal *carcinogen* jew *mutagen* għandhom ikunu notifikati lill-Awtorita.

Żamma ta' dokumenti.

15. (1) Il-lista msemmija fir-regolament 12 (c) u d-dokumenti mediċi msemmija fir-regolament 14(4) għandhom jinżammu għal mill-inqas 40 sena wara t-tmiem tal-epsożizzjoni .

(2) Dawk id-dokumenti għandhom ikunu disponibbli għall-Awtorita' f'każijiet fejn l-impriża twaqqaf l-attivita' tagħha.

Valuri ta' limitu.

16. Valuri tal-limitu u disposizzjonijiet oħra direttament relatati huma mogħtija fl-Iskeda III.

Fuq min taqa l-prova.

17. F'dawk il-proċedimenti dwar xi reat li jsir taħt dawn ir-regolamenti, li jkun jikkonsisti fin-nuqqas ta' twettiq ta' dmir jew ħtieġa li ssir xi ħaġa sakemm din tkun prattika jew sakemm din tkun bir-raġun prattika, jew li jintużaw l-aħjar mezzi prattiċi biex issir xi ħaġa, il-piż tal-prova jkun fuq l-akkużat (skond ma jkun il-każ) illi ma kienx prattiku jew bir-raġun prattiku li jagħmel iktar milli fil-fatt sar sabiex iwettaq id-dmir jew il-ħtieġa, jew li ma kienx hemm mezzi prattiċi aħjar minn dawk li fil-fatt intużaw sabiex iwettaq id-dmir jew il-ħtieġa.

Reati.

18. Kull persuna li xjentament jew bi traskuraġni tindaħal fil-proċess li post tax-xogħol ikun bla periklu, ikun ħati ta' reat.

SKEDA I

Lista ta' sustanzi, preparazzjonijiet u proċessi (Regolament 2 (c))

1. Manifattura ta' *auramine*.

2. Xogħol li jinvolvi li wieħed ikun espost għal *polycyclic aromatic hydrocarbons* preżenti f'*coal soots*, *coal tar* jew *coal pitch*.

3. Xogħol li jinvolvi li wieħed ikun espost għal trab, duħħan u *spray* prodotti waqt li jkunu qed jinħmew u jkun hemm l-*electro-refining* ta' *cupro-nickel mattes*.

4. Proċess ta' aċidu qawwi fil-manifattura ta' alkoħol *isopropyl*.

5. Xogħol li jinvolvi li wieħed ikun espost għal trab tal-*hardwood*.

SKEDA II

Rakkomandazzjonijiet prattiċi għas-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema (Regolament 14(7))

1. It-tabib għandu jkun familjari mal-kundizzjonijiet ta' espożizzjoni jew ċirkustanzi ta' kull ħaddiem.

2. Sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema għandha issehh skondil-prinċipji u l-prattiċi tal-mediċina dwar il-post tax-xogħol: għandha mill-inqas tinkludi dawn il-miżuri li ġejjin:

- żamma ta' dokumenti tal-istorja medika u tax-xogħol tal-ħaddiem,
- intervista personali,
- fejn xieraq, sorveljanza bijoloġika kif ukoll is-sejba ta' l-ewwel effetti u dawk riversibbli.

Jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet dwar aktar eżamijiet għal kull ħaddiem meta huwa jkun is-suġġett ta' osservanza medika, fid-dawl ta' l-informazzjoni l-iktar reċenti li l-mediċina dwar il-post tax-xogħol ikollha.

SKEDA III

Valuri ta' limitu u disposizzjonijiet oħra direttament relatati (Regolament 16)

A. Valuri ta' limitu għal espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol

Isem l-aġent kimiku	EINECS ([1])	CAS ([2])	Valuri ta' limitu		Notazzjoni
			mg/m^3 ([3])	ppm ([4])	
Benzene	200-753-7	71-43-2	3.25 ([5])	1 ([5])	Ġilda ([6])
Vinyl chloride monomer	200-831		75-01-4	7.77 ([5])	3 ([5]) -
Trab ta' injam *hardwood*	-	-	5.0 ([5]) ([7])	-	-

([1]) EINECS: *European Inventory of Existing Chemical Substances*.
([2]) CAS: *Chemical Abstract service Number*.
([3]) mg/m^3 = milligrammi kull metru kubu t'arja f'temperatura ta' 20 ∞ C u 101.3kPa (760 mm pressjoni ta' merkurju).
([4]) ppm = partijiet kull miljun b' volum fl-arja (ml/m^3).
([5]) Imkejjel jew kalkolat f'relazzjoni għal perjodu referenzjali ta' tmien sigħat.
([6]) Kontribuzzjoni sostanzjali għall piż fuq il-ġisem permezz ta' espożizzjoni mill-ġilda huwa possibbli.
([7]) Dik il-parti li tidħol man-nifs; jekk trab ta' njam *hardwood* jitħallat ma' trab ta' njam ieħor, il-valur ta' limitu japplika għat-trab kollu fit-taħlita.